**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 06 ta' Ottubru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 1257/2018 AF**

**Francesco Carbone (Permess tar-Residenza Nru MT6926446)**

**vs**

**Gamma Capital Markets (C-51103)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Francesco Carbone, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Nhar it-3 ta' Mejju tas-sena 2017, il-kontendenti dahlu fi ftehim bejniethom, fejn is-socjetà intimata nkarigat lill-esponneti bhala konsulent u direttur tal-fondi fil-qasam finanzjarju.

Fost il-pattijiet tal-ingaggar *de quo*, is-socjetà intimata nkarigat lill-esponenti fuq il-kriterja illi hu kellu jibda joffri s-servizzi ta' konsulenza u direttur tal-fondi versu l-kumpanija, la darba jigi approvat bhala kompetenti u idoneu mill-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, hekk kif ser jigi ampjament ippruvat fil-mori tal-proceduri.

Minbarra dan, is-socjetà intimata dahlet fi ftehim mal-esponenti fejn obbligat ruhha illi tissottometti l-applikazzjoni tal-esponenti lill-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, sabiex jigi rikonoxxut bhala persuna idonea li tahdem fis-servizzi finanzjarji mill-istess Awtorità.

Repetutivament, is-socjetà intimata rrikonoxxiet u insistiet li l-applikazzjoni giet sodisfacjentament rikonoxxuta mill-Awtorità.

Nonostante tal-ftehim, is-socjetà intimata naqset li tonora dak miftiehem, u fil-frattemp l-esponenti kien ga beda jirreferi klijenti prospettivi sabiex juzaw is-servizzi tal-kumpanija intimata. Fost l-ohrajn, l-esponenti rrikorra wkoll spejjez konsiderevoli minn butu sabiex rialloka ruhhu flimkien ma' familtu gewwa Malta, u dan in kwantu tal-prospettiva tal-kumpanija intimata li l-applikazzjoni giet sottomessa u rikonoxxuta lill-Awtorità kkoncernata.

L-esponenti esplora mal-Awtorità kkoncernata fir-rigward tal-applikazzjoni allegatament sottomessa mis-socjetà intimata, liema Awtorità kkonfermat li l-ebda applikazzjoni ma giet pprezentata mis-socjetà, hekk kif ser jigi muri fit-trattazzjoni tal-kawza.

Dan jimplika li s-socjetà intimata kienet inadempjenti kuntrattwalment stante l-morozità taghha fl-ezekuzzjoni tal-imsemmi ftehim.

Minkejja li s-socjetà konvenuta giet interpellata sabiex tersaq ghall-hlas u likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-esponenti, hija baqghet inadempjenti, kopja ta' liema ittra ufficjali bin-numru 1780/18, datata nhar il-21 ta' Mejju tas-sena 2018 qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "A".

L-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lis-socjetà konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mill-esponenti per konsegwenza tal-attaggjament traskuragni u negligenza da parti taghha meta naqset li tonora dak miftihiem, u ossia li tissottometti l-applikazzjoni tar-rikorrenti lill-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

2. Tillikwida d-danni subiti mill-attur per konsegwenza tal-attaggjament tas-socjetà konvenuta.

3. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas id-danni kif hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali bin-numru 1780/18 ipprezentata nhar il-21 ta' Mejju tas-sena 2018 u bl-interessi skond il-ligi sad-data tal-eventwali pagament effettiv. Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa s-socjetà intimata hija msejha u b'riserva ta' kwalunkwe azzjoni ulterjuri spettanti lill-attur kontra s-socjetà intimata.

Rat illi minkejja li debitament notifikata, is-soċjetà konvenuta ma ppreżentat l-ebda risposta għat-talbiet miġjuba kontriha.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà konvenuta.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għad-danni minħabba inadempjenza kuntrattwali. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-partijiet kienu ffirmaw kuntratt fit-3 ta' Mejju 2017 li permezz tiegħu s-soċjetà konvenuta kellha tinkariga lill-attur bħala konsulent fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. Dan il-kuntratt kien soġġett għall-otteniment ta' awtorizzazzjoni mingħand l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (minn issa 'l quddiem imsejħa 'MFSA') sabiex l-attur jipprattika bħala *investment advisor*.

L-attur jgħid illi għalkemm il-konvenuta kellha tieħu ħsieb hi li tissottometti applikazzjoni mal-MFSA għal din l-awtorizzazzjoni, wara li kien ipprovda d-dokumenti kollha meħtieġa u anke ħallas l-ispejjeż legali li talbuh, din l-applikazzjoni ma saret qatt b'dan illi allura l-attur ma setax jibda jofri s-servizzi tiegħu bħala konsulent skont il-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet. Il-ftehim ġie formalment itterminat permezz ta' *e-mail* tal-21 ta' Marzu 2018. Huwa għalhekk qiegħed jitlob kumpens għat-telf li jgħid illi sofra minħabba dan in-nuqqas tal-konvenuta.

Jirriżulta li l-konvenuta, minkejja li debitament notifikata bl-atti tal-kawża, ma ppreżentat l-ebda risposta għat-talbiet attriċi. Madanakollu, hija ppreżentat nota ta' sottomissjonijiet finali fejn irribattiet biss li ma kkawżat l-ebda danni lill-attur. Huwa stabbilit illi l-kontumaċja ma tfissirx u ma tistax tiġi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet Blye Engineering Co. Ltd vs Philip Borg Bellanti et, deċiża fit-22 ta' Ġunju, 2005, mill-Qorti tal-Appell Inferjuri:

> *"... huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35."*

Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Avukat Dottor Tonio Fenech noe vs Interdrive Limited et, tat-30 ta' Novembru 2015 qalet hekk:

> *"L-istitut tal-kontumacja huwa mibni fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghall-pretensjonijiet u ghat-talbiet tal-attur, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala att li jisthoqqlu piena u cioè dik li ma jkunx jista' jressaq provi (ara : App. Kumm. - 21.5.1993 – "**Vella pro et noe vs Vella**" (**Kollez. Vol. LXXVII.ii.170**). Min-naha l-ohra, minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja ggib maghha, il-Qrati taghna hadu l-linja illi r-rigorosità tal-procedura ghandha tigi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghal htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikultà li l-kontumacja titqies gustifikata (ara : P.A. - 4.7.1991 – "**Vella pro et noe vs Ellul**" (**Kollez. Vol. LXXV.iii.729**).*
>
> *Dan premess, inghad ghal diversi drabi mill-qrati taghna illi l-kontumacja m`ghandhiex titqies bhala ammissjoni da parti ta` konvenut tat-talbiet tal-attur. (ara : **Kollez. Vol. XXIX.iii.35**). Ghall-kuntrarju, il-kontumacja dejjem tqieset bhala kontestazzjoni u hekk baqghet meqjusa anke wara l-emendi ghal-ligi tal-procedura li dahlu bl-Att XXIV tal-1995. Ghalhekk jispetta dejjem ghall-gudikant illi jezamina jekk it-talba hijiex gustifikata u dan indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut."*

Li l-konvenuta qatt ma applikat għall-awtorizzazzjoni huwa kkonfermat mir-rappreżentant tal-MFSA li xehdet f'dawn il-proċeduri. Jidher illi l-attur issottometta biss il-*personal questionnaire* filwaqt li l-applikazzjoni kellha ta' bilfors issir mill-kumpannija konvenuta. Madanakollu, mill-iskambju ta' korrispondenza bejn l-attur u ċertu Laurinda Foster, li kienet qiegħda tassistih fl-imsemmi *personal questionnaire*, jidher li l-MFSA ma kinetx kuntenta bir-riferenzi professjonali li ssottometta l-attur.

L-attur isemmi ħafna episodji u skambji ta' korrispondenza ma rappreżentanti tal-konvenuta li seħħew qabel ma ffirmaw il-kuntratt il-partijiet li fil-fehma tal-Qorti ftit li xejn għandhom rilevanza għall-kawża tal-lum li hija bbażata biss fuq in-nuqqas tal-konvenuta milli tapplika għall-awtorizzazzjoni mingħand l-MFSA.

Lanqas ma huwa rilevanti li l-attur jgħid li oriġinarjament ġie mwiegħed kuntratt partikolari imbagħad ippreżentawlu kuntratt differenti biex jiffirma għaliex din il-kawża mhijiex ibbazata fuq dan.

Dwar ir-responsabbilta tal-konvenuta għan-nuqqas tal-applikazzjoni mal-MFSA din il-Qorti m'għandhiex wisq xi tgħid. Skont ma xehdet ir-rappreżentant tal-MFSA, hija l-kumpannija li trid tieħu ħsieb tapplika għal din l-awtorizzazzjoni, xi ħaġa li l-konvenuta naqset milli tagħmel minkejja li ġie ffirmat il-kuntratt ta' konsulenza, u allura, jekk l-attur sofra xi ħsara minħabba f'hekk, il-konvenuta għandha tagħmel tajjeb billi tikkumpensa lill-attur.

Madanakollu, bl-eċċezzjoni tal-ispejjeż legali li nkorra l-attur sabiex ipprepara l-*personal questionnaire* li kellu imbagħad iwassal għall-applikazzjoni tiegħu, il-Qorti hija tal-fehma li ma tistax takkolja d-danni li qiegħed jippretendi l-attur għas-segwenti raġunijiet:

i. Il-kera li qiegħed jippretendi kumpens tagħha tirrisali għas-sena ta' qabel ma l-attur iffirma l-kuntratt in kwistjoni. Din mhijiex kawża għal danni pre-kuntrattwali imma limitatament dwar l-inadempjenza tal-konvenuta meta naqset milli tissottometta applikazzjoni mal-MFSA. L-istess jista' jingħad dwar l-ispejjeż relatati mal-uffiċju li kellu l-Italja u d-danni li jgħid li sofra għaliex kellu jiffirma kuntratt differenti minn dak li kien qiegħed jinnegozja inizjalment mal-konvenuta;

ii. Il-kuntratt jgħid ċar u tond li l-attur kien ser jiġi ngaġġat bħala konsulent meta jiġi approvat mill-MFSA. Madanakollu, l-attur ma kellu l-ebda garanzija li din l-awtoriżżazzjoni kienet ser tingħatalu;

iii. Filwaqt illi huwa minnu li kellu jitħallas percentwali fuq il-*management fees* u klijenti ġodda li jintroduċi lill-kumpannija, paga fissa ma kienx ser ikollu u lanqas ma ġab prova tajba li attwalment kien ser jitħallas il-miżati li qiegħed jippretendi;

iv. Finalment, il-pretensjoni tal-attur għal danni morali lanqas ma għandha mis-sewwa. Lil hinn mill-kwistjoni dwar jekk il-liġi tagħna taħsibx għal-likwidazzjoni ta' kumpens fuq il-kawżali tad-danni morali f'dan il-każ, kien ikun xieraq li l-attur iressaq provi tajbin biżżejjed dwar dawn id-danni li jgħid li sofra. Fil-fehma tal-Qorti, huwa naqas milli jwettaq dan il-grad ta' prova u għalhekk, mhijiex sejra tillikwida danni taħt din il-kawżali.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba;

2. Tilqa' t-tieni talba limitatament billi tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' elf mitejn u ħamsa u għoxrin Ewro (€1,225);

3. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' elf mitejn u ħamsa u għoxrin Ewro (€1,225) bl-imgħax mit-28 ta' Mejju 2018 u ċioè mid-data meta l-konvenuta ġiet notifikata bl-ittra uffiċjali interpellatorja tal-attur.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG